



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

15.12.2014

0013/2014

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-ludopatija

**Nicola Caputo (S&D), Patrizia Toia (S&D), Flavio Zanonato (S&D), Fulvio Martusciello (PPE), Alessandra Moretti (S&D), Luigi Morgano (S&D), Silvia Costa (S&D), Renata Briano (S&D), Dario Tamburrano (EFD), Marco Affronte (EFD), Antonio Panzeri (S&D), Alessia Mosca (S&D), Isabella De Monte (S&D), Christel Schaldemose (S&D)**

Data ta' skadenza: 15.3.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura, dwar il-ludopatija<sup>1</sup>**

1. Il-ludopatja, dipendenza perikoluża li qiegħda tinfirex malajr fost iż-żgħażagħ, hija problema ta' saħħa pubblika.
2. L-inkapaċità patoloġika tal-individwi li jbatu minnha li jirreżistu għal-logħob tal-azzard, minkejja li jirrikonox Xu l-gravità tiegħu, tipproduċi infatti, f'faxex dejjem aktar mifruxa tal-popolazzjoni tal-Istati Membri, tbatija psikoloġika u ekonomika u tikkomprometti r-relazzjonijiet interpersonali mal-għeżej u x'aktarx ittellef ix-xogħol, b'hekk tispicċċa timmina l-hena l-aktar intima tal-familja.
3. Dan il-fenomenu jirriżulta enfasizzat mid-dipendenza assoċjat mill-Internet, mill-possibilità, dejjem akbar, li dak li jkun jilgħab mit-telefon ċellulari jew mill-kompjuter permezz ta' applikazzjonijiet online, mingħajr ma joqgħod imur fis-swali tal-logħob, mit-tixrid dejjem akbar tal-*islot machines*, mil-logħob illegali, mill-preżenza, mhux dejjem alternattiva iżda dejjem aktar komplementari, tal-offerta legali flimkien ma' dik illegali, it-nejn li huma ta' ħsara pariġġ għas-saħħa pubblika.
4. Minkejja li l-assistenza tingħata direttament mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma xorta waħda mistiedna jappoġġaw lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' kampanji edukattivi dwar il-logħob u dwar il-perikli tal-azzard kif ukoll dwar it-tishħiħ tal-ġlieda kontra l-logħob illegali u t-tishħiħ tal-ħarsien tal-morda u tal-faxex soċjali l-aktar dgħajfa.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun ffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, madankollu mingħajr ma torbot lill-Parlament.